MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 656/2001/1

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` Societa` Italiana Assicurazzioni e Riassicurazzioni (SIAT) kif surrogata fid-drittijiet ta' Zammit & Cachia Ltd**

**v.**

**Gollcher Company Limited bhala agenti ta' Freightcon International B.V. agenti ta' Unilink Marine Line u Gollcher Company Limited bhala "bond store operator"**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Dan huwa appell ad istanza tas-socjeta` konvenuta, fiz-zewg kwalitajiet li giet imharrka, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Dicembru 2006, u li fiha l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha taghha u laqghet it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez. Permezz ta’ dan l-appell is-socjeta` konvenuta fl-ewwel lok titlob ir-revoka tal-istess sentenza u, fin-nuqqas, riforma *in parte* “f’kaz illi (din il-Qorti) issib illi s-socjeta` appellanti m’hijiex responsabbli f’wahda biss mill-kapacitajiet taghha citati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata”.

1.2. Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, is-sentenza appellata qeghda tigi riportata *in toto* hawn taht.
“Il-Qorti

“Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta` attrici nomine ppremettiet:

“Illi Zammit & Cachia Ltd importat gewwa Malta hames pallets b’merkanzija b’gross weight ta’ 4020,000 KOS fuq il-bastiment Kitano polza tal-kariku mmarkat Dok A;

“Illi meta l-imsemmija merkanzja waslet f’Malta l-imsemmija konsenjatarju sab li kien hemm nuqqas ta’ sittin ‘carton’ u bhala gross weight minn flok 4020,000 KOS ekwivalenti ghal 8.76cbm ircieva biss 6.53cbm;

“Illi s-socjeta` attrici fil-kwalita` taghha ta’ assiguratrici ta’ Zammit & Cachia Ltd. hallset l-ammont ta’ elf u disa’ mitt liri maltin (Lm1900) lill-istess assigurata taghha bhala kumpens ghal danni li soffriet l-assigurata taghha kif jidher mill-anness kopja ta’ ricevuti u surrogi dok C u D;

“Illi s-socjetajiet konvenuti u jew minn minnhom huma responsabbli ghan-nuqqasijiet u konsegwenti danni;

“Ghalhekk is-socjeta` attrici nomine talbet li l-istesss socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

“M’ghandhomx jigu ddikjarati responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni;

“M’ghandhomx jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u disa’ mitt liri maltin (Lm1900);

“Bl-ispejjez kontra s-socjietajiet konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet mid-data tal-pagament maghmul mis-socjeta` attrici nomine;

“Rat id-dikjarazzzjoni tas-socjeta` attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti fejn gie eccepit:-

“Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma kkonsenjaw il-merkanzija fl-istat u kwantita` li giet moghtija lilhom u kwindi ebda responsabbilita’ ma hija imputabbli lilhom;

“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe responsabilta` li tista’ tigi dikjarata fil-konfront tal-konvenuti jew min minnhom hija limitata skond il-pattijiet miftehma fl-istess polza ta’ kariku;

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

“Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

”Semghet ix-xhud prodott mill-konvenuti;

”Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

“Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

“Ikkonsidrat:

“Din il-kawza qed issir kontra s-socjeta` Gollcher Company Limited fl-ewwel lok fil-kwalita` taghha ta’ agent ta’ Freightcon International B.V. agenti ta’ Unilink Marine Line u fit-tieni lok fil-kwalita` taghha ta’ bond store operator;

“Jirrizulta li s-socjeta` Zammit & Cachia Ltd kienet importat gewwa Malta fuq il-bastiment Kitano merkanzija varja konsistenti fi “foodstuffs” f’diversi pallets;

“Is-socjeta` attrici nomine tallega, fic-citazzjoni, li wara li din il-merkanzija wasslet Malta u giet konsenjata lill-imsemmija socjeta` importatrici, nstab li kien hemm sittin (60) kartuna li kienu nieqsa. Is-socjeta` attrici bhala s-socjeta` assikuratrici hallset lill-istess socjeta` importatrici l-ammont ta’ elf u disa’ mitt liri maltin (Lm1900) bhala kumpens ghal l-imsemmija nuqqasijiet. Ghalhekk is-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-importaturi;

“L-istess socjeta` attrici tippretendi li s-socjeta` konvenuta fl-imsemmija kwalitajiet taghha hi responsabbli ghal dawn l-istess nuqqasijiet. Ghalhekk qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni u tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

“Is-socjeta` kovenuta teccepixxi li l-merkanzija giet konsenjata lill-importaturi fl-istess stat u kwantita` li giet moghtija lilha u kwindi ma hemm ebda responsabbilita’ imputabbli lilha. Inoltre teccepixxi li kwalunkwe responsabilta` li tista’ tigi dikjarata fil-konfront taghha hi limitata skond il-pattijiet miftehma fil-polza ta’ kariku;

“Mill-provi jirrizulta li l-merkanzija waslet Malta f'container groupage u giet imqieghda fil-bonded istores tas-socjeta` konvenuta f’Hal Far minn fejn sussegwentement giet konsenjata lil-importaturi. L-ufficjal tad-Dwana li ghamel dan il-rilaxx ikkonferma li skond l-entry kellhom jigu

rilaxxati mitejn u tnejn u hamsin (252) kartuna u fil-fatt gew rilaxxati nqas cioe' mija u tnejn u sittin (162) kartuna;

"Jirrizulta ukoll li s-socjeta` importatrici kienet inkarikat lis-socjeta` konvenuta sabiex tittrasporta l-merkanzija in kwestjoni mill-Olanda ghall-Malta. Il-konsenja kellha ssir fil-bonded stores tas-socjeta` konvenuta gewwa Hal Far;

"Il-Claims Manager tas-socjeta` konvenuta ghamel referenza ghall-manifest relattiv fejn hemm indikat li l-merkanzija in kwestjoni kienet qed tintbghat f'hames pellets - said to contain 'one hundred cartons'. Kif gia gie rilevat fil-fatt instab li ma kienx hemm mitt kartuna, izda kien hemm mija u tnejn u sittin kartuna;

"Il-manifest isir mill-agenti tas-socjeta` konvenuta fuq informazzjoni li tkun inghatat mill-esportaturi. L-istess agenti tas-socjeta` konvenuta pero` fin-nota taghhom dokument PFS4 jindikaw li seta' kien hemm zball taghhom stess fil-manifest ghar-rigward tal-kwantita` tal-merkanzija;

"Mill-provi prodotti u minn varji dokumenti esibiti jirrizulta sufficjentement pruvat li l-merkanzija in kwestjoni kienet tikkonsisti minn mitejn u tnejn u ghoxrin kartuna. B'mod partikolari il-"packing list" tindika li suppost li intbghatu hafna aktar kartuni min dawk li gew effettivament konsenjati lill-importaturi;

"In vista ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement pruvat li s-socjeta` konvenuta, fil-kwalitajiet kollha taghha premessi, ghandha tigi ritenuta responsabbli ghan-nuqqassijiet in kwestjoni. In effett jirrizulta li l-inkariku ghat-trasport tal-merkanzija gie mghoti lill-istess socjeta` konvenuta, li ghalhekk kienet responsabbli ghal-merkanzija minn meta tghabbiet fuq il-container barra minn Malta sakhemm giet konsenjata lill-importatur hawn Malta. Is-socjeta` konvenuta hadet hsieb li jsir dan it-trasport anke permezz ta' agenti taghha barranin u l-istess socjeta` konvenuta kienet responsabbli meta l-merkanzija ddahlet fil-bonded stores taghha;

“Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu michuda filwaqt li t-talbiet kollha attrici ghandhom jigu akkolti;

“Ghal dawn il-motivi :

“Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tidddikjara s-socjeta` konvenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni u konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u disa’ mitt liri maltin (Lm1900) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ meta s-socjeta` attrici hallset lis-socjeta` importatrici ghan-nuqqassijiet in kwestjoni sad-data tal-effettiv pagament;

“Spejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.”

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

2.1. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza surreferita u interponiet dan l-appell ghal fini ta’ revoka, jew riforma parzjali minn kif deciz, u dan ghar-ragunijiet li sejrin jissemmew in succint.

2.2. L-ewwel aggravju jirrigward r-responsabbilta` tas-socjeta` Gollcher Company Limited. Mill-provi prodotti mill-partijiet, issostni l-appellanti, ma hemm l-ebda bazi li fuqha l-ewwel Qorti setghet issib xi nuqqas jew responsabbilta` fil-konfront taghha. Bhala “bond operator”, hija esegwiet l-obbligi taghha pjenament u effettivament irrilaxxjat 162 kartuna li gew lilha depozitati. Ebda responsabbilta` ohra ma setghet tigi mghoddija lis-socjeta` konvenuta. Fil-fatt “ma jirrizultax illi Gollcher Company Limited dahlet responsabbli ghat-trasport tal-merkanzija”.

2.3. In kwantu l-ewwel Qorti sabet ukoll lill-principal tas-socjeta` appellanti responsabbli, kien ibda’ biex jispetta lis-socjeta` attrici appellata li tipprova l-istat tal-merkanzija fil-mument li ghaddiet fil-kustodja tat-trasportatur jew mghobbija abbord il-bastiment, kif ukoll l-istat tal-

merkanzija meta waslet Malta u giet ikkonsenjata lir-ricevitur.

Il-polza ta' kariku turi biss id-depozitu ta' hames *pallets* li kellhom b'kollox mitt kaxxa u dan bil-kwalifika "said to contain".

F'dan il-kaz, is-socjeta` attrici lanqas tista' tistrieh fuq din il-polza bhala prova merament *prima facie*. Il-provi li kienu jinkombu fuq is-socjeta` attrici baqghu ma sarux la dwar il-konsistenza tal-merkanzija u lanqas dwar xi diskrepanza illi seta' kien hemm bejn il-piz kif deskritt fil-polza u dak misjub fil-mija u tnejn u sittin (162) kaxxa li gew konsenjati lill-importatur.

2.4. Fl-ahharnett l-appellanti tghid li l-ewwel Qorti ghamlet "apprezzament legger" tal-provi bla ma tat ebda raguni valida dwar fuq liema bazi jew prova kienet sodisfatta li rrizultaw xi nuqqasijiet.

**<u>IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA` ATTRICI APPELLATA</u>**

3.1. Is-socjeta` konvenuta appellata wiegbet li l-appell interpost huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez u dan billi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.
Fl-ewwel lok ma hemmx lok li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jigi ddisturbat jew b'xi mod varjat minn kif deciz. Fit-tieni lok, u kif tajjeb gie ritenut mill-ewwel Qorti, hemm provi sufficjenti li jiggustifikaw l-akkoljiment tat-talbiet attrici. Dwar it-tieni aggravju, l-appellata tissottometti li t-trasportatur kellu l-obbligu li jikkonsenja l-merkanzija skond il-polza u l-"packing list" u mhux jistrieh fuq klawsola ta' ezoneru li tghid "said to contain" minghajr pero` ma jaffettwa verifika *qua* armatur. Jekk imbaghad kien hemm zbalji fid-dokumenti li gew ippreparati mill-agent tal-kumpannija konvenuta, ma jfissirx illi l-istess agent m'huwiex responsabbli ghan-nuqqas.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Dan l-appell jirrigwarda dik li komumement hija maghrufa bhala “marine cargo claim”. Mill-provi jirrizulta li s-socjeta` Zammit & Cachia Limited, assikurata mas-socjeta` attrici appellata nomine, importat gewwa Malta hames (5) “pallets” kontenenti principalment konsenja ta’ lewz u xi prodotti ohrajn bhal “papaya” mnixxfa. Din il-merkanzija, li giet ordnata mill-Olanda, giet mghobbija fuq il-bastiment Kitono skond polza ta’ kariku (ara Dok A, a fol. 5 u 6 tal-process). B’kollox suppost waslu Malta mitejn u tnejn u hamsin (252) kartuna imma, bhala fatt, meta s-socjeta` importatrici baghtet burdnar biex johrog din il-merkanzija mill-“bonded stores” tas-socjeta` konvenuta, f’Hal-Far, instab li kien hemm biss mija u tnejn u sittin (162) kartuna, jigifieri kien hemm merkanzija nieqsa. Is-socjeta` importatrici kkwantifikat id-danni taghha relativi ghal dan in-nuqqas fl-ammont ta’ Lm1,900, in segwitu rregistrat “claim” mal-kumpannija assikuratrici taghha (is-socjeta` appellata nomine f’din il-procedura), imbaghad hija thallset ta’ din il-“claim” u ssurrogat lill-istess socjeta` assikuratrici nomine fid-drittijiet litigjuzi taghha biex din setghet, kif effettivament ghamlet, iddur fuq is-socjeta` konvenuta bhala dik li kienet, fil-fehma taghha, responsabbli legalment ghal din ix-“short delivery”. Is-socjeta` konvenuta m’accettatx ir-responsabbilta` ghan-nuqqas riskontrat u nbdew dawn il-proceduri kontra taghha permezz tal-procedura in dizamina.

5.1. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi, hija tal-fehma li s-socjeta` appellanti m’ghandhiex ragun f’dak li hija qeghda tressaq bhala aggravji biex tissostanzja u tiggustifika t-talba taghha ghar-revoka totali jew varjazzjoni parzjali minn kif gie deciz mill-Qorti tal-ewwel grad.

5.2. Kuntrarjament ghal dak allegat, ma jirrizultax li kien hemm “apprezzament legger tal-provi” kif tillanja s-socjeta` konvenuta, jew li hemm assenza ta’ motivazzjoni fis-sentenza emessa. Huwa minnu li l-ewwel Qorti kienet fuq in-naha “xotta” f’dik li hija dicitura per via ta’ motivazzjoni, imma s-sentenza turi bic-car u b’mod inekwivoku li l-ewwel Qorti kienet sodisfatta li bil-provi

prodotti, partikolarment bil-produzzjoni ta' numru ta' dokumenti relativi ghall-konsistenza, it-trasport, magazzinagg, depozitu u rilaxx tal-merkanzija importata lokalment min-naha tal-appellata, kien hemm provi sufficjenti li jinducuha biex tirritjeni, u finalment tiddeciedi, li tilqa' t-talbiet attrici. Fl-imsemmija sentenza di fatti hemm riferenza ghax-xiehda moghtija kif ukoll ghad-dokumenti esebiti, fosthom il-manifest u l-"packing list". Hemm riferenza wkoll ghall-fatt li minn dawn il-provi jirrizulta stabilit sufficjentement in-ness ta' responsabbilta` li jikkonnetti lis-socjeta` konvenuta man-nuqqasijiet fil-merkanzija li gew riskontrati min-naha tas-socjeta` importatrici. Aktar minn hekk, din il-Qorti ma tasalx biex tifhem x'kellha tippretendi bhala motivazzjoni il-parti appellanti. Li huwa cert hu li l-ewwel Qorti m'ghamlitx "apprezzament legger" kif jinghad mill-appellanti.

6. L-appellanti tghid li ma fehmitx ir-raguni ghaliex ir-responsabbilta`, jekk tassew kien hemm, kienet testendi fuq is-socjeta` konvenuta "fiz-zewg kapacitajiet" li bihom giet imharrka u "lanqas jidher li saret tali distinzjoni fl-apprezzament tal-provi". Anke hawn l-appellanti hija skorretta fl-evalwazzjoni tas-sentenza moghtija. Qari akkurat taghha juri li wara li l-ewwel Qorti ghamlet accenn ghall-provi saljenti dwar responsabbilta` waslet ghall-konkluzjoni li:
"In vista ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement pruvat li s-socjeta` konvenuta, <u>fil-kwalitajiet kollha taghha premessi</u>, ghandha tigi ritenuta responsabbli ghan-nuqqassijiet in kwestjoni. In effett jirrizulta li <u>l-inkariku ghat-trasport tal-merkanzija gie mghoti lill-istess socjeta` konvenuta, li ghalhekk kienet responsabbli ghal-merkanzija minn meta tghabbiet fuq il-container barra minn Malta sakemm giet konsenjata lill-importatur hawn Malta</u>......" (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Fi kliem iehor, l-ewwel Qorti dehrilha, u din il-Qorti tikkondividi tali fehma, li r-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta kienet testendi sija in kwantu hija kienet qeghda topera *qua* agent ta' Frightcon International B.V., agenti ta' Unilink Marine Line <u>kif ukoll</u> bhala "bond operator".

7. Ezami tal-provi jikkonfortaw ghal kollox dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti. Xehed George Cachia, direttur tas-socjeta` importatrici, <u>bla ma gie kontradett</u> (lanqas biss ma sarlu kontro-ezami), fejn *inter alia* (ara fol. 36) jghid hekk:
“Nikkonferma li ahna (i.e. Zammit and Cachia Limited) konna inkarigajna lis-socjeta` konvenuta sabiex tittrasporta xi affarijiet li ahna konna xtrajna mill-Olanda u ridna nimportawhom gewwa Malta...”

U mill-gdid (fol. 37 u 38) jghid:
“Nikkonferma li jiena kont inkarigajt lis-socjeta` konvenuta sabiex iggorr il-merkanzija in kwestjoni mill-Olanda sa Malta u kellha taghti konsenja lilna ta’ dawn l-oggetti fil-‘bonded stores’ taghhom tal-Hal-Far... ahna nindikaw lil Gollcher kemm ikun hemm kaxxi involuti ghar-rigward tal-garr in kwistjoni, u huma jiehdu minghand l-esportatur ta’ l-Olanda l-ammont ta’ kaxxi li nkunu indikajna ahna....”

8. Issa mill-provi jidher illi li kieku l-burdnar mibghut min-naha tas-socjeta` Zammit and Cachia Limited biex jirtira l-merkanzija minn Hal-Far ma ndunax mill-ewwel bin-nuqqasijiet u informa immedjatament lil min baghtu hemm dwarhom, il-probabbilita` kienet tkun dik li s-socjeta` importatrici kienet tiskopri bin-nuqqasijiet fil-mument li l-merkanzija tkun giet imwassla ghandhom u <u>wara</u> allura li tkun gia` giet irtirata mill-“bonded store” tas-socjeta` konvenuta mill-burdnar. Li kien hemm non-kuranza, ossija procedura deficjenti, da parti tat-trasportatur (i.e. is-socjeta` konvenuta) hija evidenti. Rinfaccjat bid-dokumenti esebiti min-naha attrici dwar dak li kellu jigi trasportat lejn Malta mill-Olanda u dak li effettivament twassal lill-importatur, Peter Fleri Soler, “claims manager” mas-socjeta` konvenuta, m’gharafx jaghti twegiba cara jew sodisfacenti, anzi jelabora hekk (ara fol. 45 tal-process) dwar in-nota mibghuta lilhom mill-agenti taghhom <u>wara</u> li dawn infurmawhom bl-ilment li gie registrat mill-importatur fil-mument tal-konsenja:
“Dan id-dokument qieghed jigi mmarkat bhala Dok. PFS 4. Minn dan id-dokument jirrizulta li seta’ kien hemm zball

jew min-naha tal-esportaturi, kif ukoll seta' kien hemm zball min-naha tal-agent taghna..."

Id-diligenza professjonali invece kienet titlob li appena jaccetta l-inkarigu, it-trasportatur kellu qabel xejn jivverifika f'hiex tikkonsisti l-merkanzija anke kwantitativament u fil-kaz ta' nuqqas jew diskrepanza minn kif muri fil-polza ta' kariku jew fil-"packing list" jibghat jinforma b'dan lil min ikkuntrattah biex jittrasportalu lot ta' merkanzija f'ammont partikolari. Fi kliem iehor, it-trasportatur irid ikun f'pozizzjoni, darba li jassumi l-inkariku, kemm li jikkontrolla lill-agenzija jew agenzija responsabbli mid-dispacc u mit-tghabija tal-merkanzija, kif ukoll li jivverifika kemm waslet merkanzija Malta, u dan sija fil-mument tal-hatt kif ukoll fil-mument tal-magazzinagg u rilaxx mill-"bonded stores" lill-importatur. Flok dan kollu, it-trasportatur fil-kaz in ezami ha t-triq li "jinheba" wara klawsola generika ta' ezoneru, jigifieri billi jikkwalifika dak li tnizzel fil-polza ta' kariku bil-frazi "said to contain" u ghal dak li jikkoncerna verifika u accertamenti jiskartah kwazi ghal kollox. Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-trasportatur ma jistax jehles mill-obbligi tieghu bl-inkluzjoni ta' din il-klawsola. Darba li huwa suppost ghabba partita specifikata ta' merkanzija u din m'ghaddietx fl-intier taghha ghand id-destinatarju huwa (i.e. it-trasportatur) irid jiddimostra ta' lanqas li minkejja kontrolli adegwati min-naha tieghu fuq dak li gie kkonsenjat lilu rrizultat diskrepanza li taghha jew ghaliha hu ma kien jahti xejn. Imma biex dan kollu seta' jigi konstatat, it-trasportatur kien fid-dover li jivverifika x'inghata lilu biex igorr, u mhux ihalli kollox ghal riehu. Meta s-socjeta` importatrici ghaddiet id-dokumenti kollha relattivi ghall-merkanzija f'idejn it-trasportatur u dan ma rrimarka xejn dwar dak li gie kkonsenjat lilu kien ifisser li, salv prova kuntrarja, dak li gie ddikjarat bhala "cargo" fil-fatt tghabba fuq il-bastiment u twassal Malta u tqieghed fil-"bonded store". Kien biss il-burdnar mibghut mill-importatur li rriskontra ghall-ewwel darba n-nuqqasijiet fil-merkanzija. Kif gia` ikkonstatat din il-Qorti li kieku l-istess ezercizzju sar "a tempo vergine" mit-trasportatur in dizimpenn tal-inkariku assunt minnu, dawn in-nuqqasijiet kienu jigu senjalati dakinhar – jekk tassew kienu neqsin fil-mument li l-inkariku tat-trasport

kien ghadu ser jigi fis-sehh. Kif jidher mill-provi, it-trasportatur beda jagixxi biss meta l-importatur infurmah bid-diskrepanza msemmija fil-mument tar-rilaxx. Minbarra dan, iz-zewg kazi citati mill-appellanti ma jattiljawx kompletament mal-fattispecje tal-kaz in ezami ghar-raguni li kaz minnhom jirreferi ghar-responsabbilta` o meno tal-kaptan tal-bastiment meta hemm inserita l-kwalifika ta' "said to contain" fir-rigward tal-"cargo", filwaqt li fit-tieni kaz saret prova min-naha tal-parti konvenuta li l-merkanzija tghabbiet wara li fil-post ta' l-imbark twahhal sigill fuq il-"container" u li jirrizulta li baqa' intatt sa ma wasal fil-mahzen tar-ricevitur. Provi ta' din ix-xorta certament ma gewx prodotti fil-kawza in ezami. Fl-ahharnett, din il-Qorti jidhrilha li darba gie ppruvat li s-socjeta` konvenuta kienet ukoll responsabbli mill-<u>ezekuzzjoni intiera tat-trasport</u> tal-merkanzija *de quo*, isegwi allura illi kellha ragun il-Qorti tal-ewwel grad li tilqa' t-talba attrici fil-kwalitajiet kollha li giet imharrka s-socjeta` konvenuta appellanti, jigifieri kemm bhala agenti ta' Freightcon International B.V. agenti ta' Unilink Marine Line <u>kif ukoll</u> bhala "bond store operator".

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravji tas-socjeta` konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qeghda tirrespingihom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti fil-kwalitajiet kollha taghha kif giet imharrka, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------